

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-91/15)**

(2015/C 406/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: J.-N. Louis, N. de Montigny, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-klawżola ta' riżerva medika prevista fl-Artikolu 32 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg sa fejn din ma taċċettax għall-benefiċċju ta' allowance tal-invalidità kif ukoll il-kumpens għad-dannu morali allegatament sostnut.

Talbiet

- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, tas-16 ta' Settembru 2014, li japplikaw ir-riżerva medika prevista fl-Artikolu 32 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg u sabiex ir-rikorrent ma jiġix aċċettat għall-benefiċċju tal-allowance tal-invalidità;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent somma ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-dannu morali sostnut u għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-132/15)**

(2015/C 406/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiġi applikata l-klawżola ta' riżerva medika prevista fl-Artikolu 32 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, b'effett retroattiv, mid-data tad-dħul fis-servizz tar-rikorrent mal-Kummissjoni, u li jiġu sospiżi l-garanziji fir-rigward ta' invalidità jew ta' mewt u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni li jiġi eskluż minn kwalunkwe reklutaġġ mill-Kummissjoni għal perijodu ta' sitt snin mid-data ta' tmien l-aħħar kuntratt tiegħu.

Talbiet

- Tannulla d-deċiżjoni tal-awtorità awtorizzata sabiex tikkonkludi l-kuntratti ta' impjieg li tirrigwarda, minn naħa, l-applikazzjoni b'effett retroattiv kontra r-rikorrent tar-riżerva medika prevista fl-Artikolu 32 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg u s-sospensjoni tal-garanziji fir-rigward ta' invalidità jew ta' mewt u, min-naħa l-oħra, l-esklużjoni tar-rikorrent minn kull reklutaġġ mill-Kummissjoni għal perijodu ta' sitt snin.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.